VERŻJONI ELETTRONIKA

A.L. 117 tal-2017

ATT DWAR IL-KOMPETIZZJONI (KAP. 379)

Regolamenti tal-2017 dwar Ksur tal-Liġi tal-Kompetizzjoni (Azzjonijiet għad-Danni)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu permezz tal-artikolu 32 tal-Att dwar il-Kompetizzjoni, il-Ministru għad-Djalogu Soċjali, Affarijiet tal-Konsumatur u Libertajiet Ċivili għamlet ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2017 dwar Ksur tal-Liġi tal-Kompetizzjoni (Azzjonijiet għad-Danni).

(2) Id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li daħlu fis-seħħ fis-27 ta' Diċembru, 2014, ħlief l-artikolu 10, li għandu jidħol fis-seħħ f'dik id-data li l-Ministru tista', b'avviż fil-Gazzetta, tistabbilixxi.

Għan.

2. Dawn ir-regolamenti jimplimentaw id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2014/104/EU tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Novembru 2014 fuq ċerti regoli li jirregolaw l-azzjonijiet għad-danni taħt il-liġi nazzjonali għal ksur tad-dispożizzjonijiet tal-liġi tal-kompetizzjoni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea.

Tifsir.

3. F'dawn ir-regolamenti, sakemm il-kuntest ma jkunx jeħtieġ mod ieħor -

Kap. 379.

"Att" tfisser l-Att dwar il-Kompetizzjoni;

"awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni" tfisser awtorità nominata minn Stat Membru skont l-Artikolu 35 tar-Regolament (KE) Nru 1/2003, li tkun responsabbli għall-applikazzjoni tal-Artikoli 101 u 102 TFUE;

"awtorità tal-kompetizzjoni" tfisser il-Kummissjoni Ewropea jew xi awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni, skont kif jeħtieġ il-kuntest;

"awtur tal-ksur tal-liġi" tfisser l-intrapriża jew l-assoċjazzjoni ta' intrapriżi li wettqet il-ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni;

"azzjoni għad-danni" tfisser azzjoni skont dawn ir-regolamenti, li permezz tagħha pretensjoni għad-danni titressaq quddiem il-qorti nazzjonali minn parti li allegatament ġarrbet ħsara, minn xi ħadd li jaġixxi f'isem waħda jew aktar partijiet li allegatament ġarrbu ħsara,

VERŻJONI ELETTRONIKA

jew minn persuna fiżika jew ġuridika li tkun is-suċċessur tad-dritt tal-parti li allegatament ġarrbet il-ħsara, inkluża l-persuna li akkwistat il-pretensjoni;

"deċiżjoni dwar ksur" tfisser deċiżjoni ta' awtorità tal-kompetizzjoni jew qorti nazzjonali li ssib ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni;

"deċiżjoni finali dwar ksur" tfisser deċiżjoni dwar ksur li ma tistax jew li ma għadhiex tista' tiġi appellata bil-mezzi ordinarji, u għaldaqstant saret *res judicata*;

"dikjarazzjoni ta' klemenza" tfisser preżentazzjoni verbali jew bil-miktub ipprovduta b'mod volontarju minn, jew f'isem, intrapriża jew persuna fiżika lil awtorità tal-kompetizzjoni jew rekord tagħha, li tiddeskrivi l-għarfien ta' dik l-intrapriża jew tal-persuna fiżika dwar kartell u r-rwol tagħha fih, li tkun tfasslet speċifikament biex titressaq lill-awtorità tal-kompetizzjoni bil-għan li tinkiseb immunità jew tnaqqis tal-penalitajiet taħt programm ta' klemenza, li ma tinkludix informazzjoni preeżistenti;

"evidenza" tfisser kull mezz ta' prova ammissibbli quddiem il-qorti, partikolarment dokumenti u l-oġġetti l-oħra kollha inkluża informazzjoni, irrispettivament mill-mezz fejn l-informazzjoni hija maħżuna;

"ħlas għoli żejjed" tfisser id-differenza bejn il-prezz fil-fatt imħallas u l-prezz li kien jipprevali kieku ma kienx hemm il-ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni;

"informazzjoni pre-eżistenti" tfisser evidenza li teżisti irrispettivament mill-proċedimenti ta' awtorità kompetenti, kemm jekk tali informazzjoni tinsabx jew le fil-fajl ta' awtorità tal-kompetizzjoni;

"kartell" tfisser ftehim jew prattika miftiehma bejn żewġ kompetituri jew aktar li għandha l-għan li tikkoordina l-imġiba kompetittiva tagħhom fis-suq jew tinfluwenza l-parametri rilevanti tal-kompetizzjoni, permezz ta' prattiki bħal, imma mhux limitati għal, l-iffissar jew il-koordinazzjoni tal-prezzijiet tal-bejgħ jew tax-xiri jew ta' kondizzjonijiet kummerċjali oħrajn, inkluż fir-rigward tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali, l-allokazzjoni tal-kwoti tal-produzzjoni jew tal-bejgħ, il-kondiviżjoni tas-swieq u l-klijenti inklużi l-immanuvrar tal-offerti, ir-restrizzjonijiet tal-importazzjonijiet jew l-esportazzjonijiet jew l-azzjonijiet antikompetittivi kontra kompetituri oħra;

VERŻJONI ELETTRONIKA

"ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni" tfisser ksur tal-Artikolu 101 jew 102 TFUE, u, jew tal-artikoli 5 jew 9 tal-Att jew dispożizzjoni ekwivalenti tal-liġi nazzjonali ta' Stat Membru ieħor;

"liġi tal-kompetizzjoni" tfisser l-Artikoli 101 u 102 tat-TFEU u, jew l-artikoli 5 u 9 tal-Att jew id-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali li b'mod predominanti jsegwu l-istess għanijiet bħal dawk tal-Artikoli 101 u 102 TFEU u li huma applikati għall-istess każ u b'mod parallel mal-liġi tal-Unjoni dwar il-kompetizzjoni skont l-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru. 1/2003, minbarra dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali li jimponu pieni kriminali fuq persuni fiżiċi, ħlief sa fejn tali pieni kriminali huma l-mezz li bih jiġu infurzati regoli tal-kompetizzjoni li japplikaw għal kumpanniji, kif jista' jkun applikabbli f'każ partikolari;

"parti li ġarrbet ħsara" tfisser persuna li tkun sofriet danni kkawżati minn ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni;

"pretensjoni għad-danni" tfisser pretensjoni għal kumpens għal ħsara kkawżata minn ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni;

"programm ta' klemenza" tfisser programm li jikkonċerna l-applikazzjoni tal-Artikolu 101 TFUE jew l-artikolu 5 tal-Att jew dispożizzjonijiet ekwivalenti ta' Stat Membru ieħor, li abbażi tiegħu parteċipant f'kartell sigriet, b'mod indipendenti mill-intrapriżi l-oħra involuti fil-kartell, jikkoopera ma' investigazzjoni tal-awtorità tal-kompetizzjoni, billi jipprovdi b'mod volontarju preżentazzjonijiet rigward l-għarfien ta' dak il-parteċipant tal-kartell u r-rwol tiegħu fih, u bħala skambju għal dan il-parteċipant jirċievi, permezz ta' deċiżjoni jew permezz ta' twaqqif tal-proċedimenti, l-immunità mill-penalitajiet li għandhom jiġu imposti għall-involviment tiegħu fil-kartell jew tnaqqis tat-tali penalitajiet;

"qorti" tfisser qorti ta' ġurisdizzjoni ċivili f'Malta kif stabbilita taħt il-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jew kull tribunal li jkollu ġurisdizzjoni fuq materji li jirrigwardaw il-kompetizzjoni stabbilit taħt xi liġi speċjali; Kap. 12.

"qorti nazzjonali" tfisser qorti jew tribunal ta' Stat Membru fis-sens tal-Artikolu 267 TFEU;

"qorti tal-appell" tfisser qorti nazzjonali li għandha s-setgħa bil-mezzi ta' appell ordinarji li teżamina mill-ġdid id-deċiżjonijiet ta' awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni jew li teżamina mill-ġdid is-sentenzi li jagħmlu dikjarazzjonijiet dwar dawk id-deċiżjonijiet, irrispettivament minn jekk dik il-qorti għandhiex hija stess is-setgħa li ssib ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni;

VERŻJONI ELETTRONIKA

"riċevitur tal-immunità" tfisser intrapriża, jew persuna fiżika, li ġiet mogħtija l-immunità minn penalitajiet maħruġa minn awtorità tal-kompetizzjoni taħt programm ta' klemenza;

"riżoluzzjoni konsenswali" tfisser qbil milħuq permezz ta' riżoluzzjoni kunsenswali tat-tilwim;

"riżoluzzjoni konsenswali tat-tilwim" tfisser kwalunkwe mekkaniżmu li jippermetti lill-partijiet jirriżolvu tilwim barra mill-qorti dwar talba għad-danni;

"sottomissjoni għal riżoluzzjoni" tfisser preżentazzjoni volontarja minn, jew f'isem, intrapriża lil awtorità tal-kompetizzjoni li tiddeskrivi r-rikonoxximent ta' intrapriża jew ir-rinunzja tagħha għal tilwima dwar is-sehem tagħha fi ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni u r-responsabbiltà tagħha għal dak il-ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni, li tkun tfasslet speċifikament sabiex tippermetti lill-awtorità tal-kompetizzjoni tapplika proċedura simplifikata jew proċedura mħaffa;

"TFEU" tfisser it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

"xerrej dirett" tfisser persuna fiżika jew ġuridika li xtrat, direttament mingħand l-awtur tal-ksur tal-liġi, prodotti jew servizzi li kienu l-oġġett ta' ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni;

"xerrej indirett" tfisser persuna fiżika jew ġuridika li xtrat, mhux direttament mingħand l-awtur tal-ksur tal-liġi, imma mingħand xerrej dirett jew xerrej sussegwenti, prodotti jew servizzi li kienu l-oġġett ta' ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni, jew prodotti jew servizzi li jkun fihom it-tali oġġetti jew imnisslin minnhom.

Dritt għal kumpens sħiħ.

4. (1) Kwalunkwe persuna fiżika jew legali li sofriet dannu kkawżat minn ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni tkun tista' titlob u tikseb kumpens sħiħ għal dak id-dannu, liema azzjoni għandha titressaq skont id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, jew kif jista' jkun previst f'xi leġislazzjoni speċjali oħra.

Kap. 12.

(2) Għall-iskopijiet ta' dawn ir-regolamenti, persuna għandha titqies li sofriet dannu wkoll meta dik il-persuna mhijiex il-klijent immedjat jew fornitur tal-konvenut.

(3) Kumpens sħiħ għandu jqiegħed persuna li sofriet dannu fil-pożizzjoni li fiha kienet tkun dik il-persuna li kieku ma jkunx seħħ il-ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni. Għaldaqstant għandu jkopri d-dritt għal kumpens għat-telf attwali u għat-telf tal-qligħ flimkien mal-ħlas ta' mgħax miż-żmien li fih ġie kkawżat id-dannu sakemm is-somma

VERŻJONI ELETTRONIKA

kapitali mogħtija tiġi attwalment imħallsa:

Iżda l-kumpens sħiħ taħt dawn ir-regolamenti m'għandux iwassal għal kumpens żejjed, kemm permezz ta' danni punittivi, multipli jew ta' tipi oħra.

Divulgazzjoni ta' evidenza.

5. (1) Fi proċeduri li għandhom x'jaqsmu ma' azzjoni għar-riżarċiment tad-danni skont ir-regolament 4, l-attur għandu jippreżenta ġustifikazzjoni raġunata li jkun fiha fatti raġjonevolment disponibbli u evidenza suffiċjenti biex isostnu l-plawżibbiltà tat-talba għar-riżarċiment tad-danni.

(2) Il-qorti għandha s-setgħa, fuq talba tal-attur, li tordna d-divulgazzjoni ta' evidenza rilevanti mill-konvenut jew terzi fejn tali evidenza tkun fil-kontroll tagħhom, skont id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, jew kif jista' jkun previst f'xi leġislazzjoni speċjali oħra, taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dawn ir-regolamenti. Il-qorti għandha wkoll is-setgħa, fuq talba tal-konvenut, li tordna lill-attur jew terzi jiddivulgaw evidenza rilevanti. Dan is-subregolament hu mingħajr preġudizzju għad-drittijiet u l-obbligi tal-qorti taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1206/2001:

Kap. 12.

Iżda l-qorti tista', fejn tqis xieraq fiċ-ċirkostanzi, tordna d-divulgazzjoni ta' elementi speċifiċi ta' evidenza jew kategoriji rilevanti ta' evidenza ċirkoskritta bl-aktar mod preċiż u bl-aktar mod ristrett possibbli abbażi ta' fatti raġjonevolment disponibbli fil-ġustifikazzjoni raġunata ppreżentata mill-attur.

(3) Il-qorti għandha tillimita d-divulgazzjoni ta' evidenza għal dak li hu proporzjonat. Fid-determinazzjoni ta' jekk xi divulgazzjoni mitluba minn parti hijiex proporzjonata, il-qorti għandha tikkunsidra l-interessi leġittimi tal-partijiet kollha u t-terzi kollha konċernati u għandha, b'mod partikolari, tikkunsidra:

(a) sa fejn it-talba jew id-difiża hija appoġġjata mill-fatti u evidenza disponibbli li jiġġustifikaw it-talba għad-divulgazzjoni tal-evidenza;

(b) l-ambitu u l-ispiża biex issir id-divulgazzjoni, speċjalment għal terzi kkonċernati, inkluż li jiġi evitat tiftix mhux speċifiku għal informazzjoni li x'aktarx ma jkunx ta' rilevanza għall-partijiet fil-proċedura;

(ċ) jekk l-evidenza li qed tintalab id-divulgazzjoni tagħha fihiex informazzjoni kunfidenzjali, speċjalment li jikkonċerna lil terzi, u liema arranġamenti huma fis-seħħ biex jipproteġu tali tagħrif kunfidenzjali.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(4) Il-qorti għandha s-setgħa li tordna d-divulgazzjoni ta' evidenza li jkun fiha informazzjoni kunfidenzjali fejn tikkunsidra li dan huwa rilevanti għall-azzjoni għar-riżarċiment tad-danni. Meta tordna d-divulgazzjoni ta' tali tagħrif, il-qorti għandha tadotta kwalunkwe miżuri effettivi, skont id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, jew skont id-dispożizzjonijiet ta' xi leġislazzjoni speċjali oħra, li tqis neċessarji u xierqa fiċ-ċirkostanzi sabiex tipproteġi tali informazzjoni skont il-liġijiet applikabbli:

Kap. 12.

Iżda dan is-subregolament huwa mingħajr preġudizzju għall-applikabilità tad-dmir tas-segretezza professjonali skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar Segretezza Professjonali, l-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-*Data*, l-Att dwar is-Sigrieti Uffiċjali u kwalunkwe sigriet professjonali ieħor kif klassifikat skont il-liġi ta' kwalunkwe Stat Membru jew tal-Unjoni Ewropea.

Kap. 377.
Kap. 440.
Kap. 50.

(5) L-interess ta' intrapriżi li jevitaw azzjonijiet għal riżarċiment tad-danni wara ksur tal-liġi tal-kompetizzjopni ma jikkostitwix interess li jitlob il-protezzjoni.

(6) Qabel ma tordna d-divulgazzjoni ta' kwalunkwe evidenza l-qorti għandha tagħti lil dik il-persuna l-opportunità li tippreżenta kwalunkwe sottomissjonijiet jew oġġezzjonijiet li jikkonċernaw tali divulgazzjoni.

(7) Mingħajr preġudizzju għal subregolamenti (4) u (6) u għar-regolament 6, dan ir-regolament m'għandux jippreġudika l-applikabbiltà ta' kwalunkwe dispożizzjoni tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, jew ta' xi leġislazzjoni applikabbli oħra, li jista' jwassal għal żvelar iżjed wiesa' ta' evidenza.

Kap. 12.

Divulgazzjoni ta' evidenza inkluża fil-fajl ta' awtorità tal-kompetizzjoni.

6. (1) Għall-fini ta' azzjonijiet għad-danni skont dawn ir-regolamenti, il-qorti għandha s-setgħa li tordna d-divulgazzjoni ta' evidenza inkluża fil-fajl ta' awtorità tal-kompetizzjoni skont il-każ, taħt il-kundizzjonijiet ta' hawn taħt. F'tali każijiet, id-dispożizzjonijiet tar-regolament 5 japplikaw flimkien ma' dan ir-regolament.

(2) Dan ir-regolament hu mingħajr preġudizzju għar-regoli u l-prattiċi fuq l-aċċess pubbliku għal dokumenti skont ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001, u għar-regoli u l-prattiċi skont il-liġijiet ta' Malta jew tal-Unjoni Ewropea dwar il-protezzjoni ta' dokumenti interni tal-awtoritajiet tal-kompetizzjoni u tal-korrispondenza bejn l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni.

(3) Meta tevalwa, skont ir-regolament 5(3), il-proporzjonalità ta' ordni għad-divulgazzjoni ta' tagħrif, il-qorti għandha wkoll

VERŻJONI ELETTRONIKA

tikkunsidra dan li ġej:

(a) jekk it-talba ġietx ifformulata speċifikament fir-rigward tan-natura, is-suġġett jew il-kontenuti tad-dokumenti ppreżentati lil awtorità tal-kompetizzjoni jew miżmuma fil-fajl tagħha, aktar milli b'applikazzjoni mhux speċifika li tikkonċerna d-dokumenti ppreżentati lil awtorità tal-kompetizzjoni;

(b) jekk il-parti li qiegħda titlob id-divulgazzjoni tkunx qiegħda tagħmel dan fir-rigward ta' azzjoni għad-danni pendenti quddiemha; u

(ċ) fir-rigward tas-subregolamenti (4) u (9), jew fuq talba ta' awtorità tal-kompetizzjoni skont is-subregolament (10), il-ħtieġa li tissalvagwardja l-effettività tal-infurzar pubbliku tal-liġi tal-kompetizzjoni.

(4) Il-qorti tista' tordna d-divulgazzjoni tal-kategoriji ta' evidenza li ġejjin biss wara li awtorità tal-kompetizzjoni, billi tadotta deċiżjoni jew b'mod ieħor, tkun temmet il-proċeduri tagħha:

(a) informazzjoni li tħejjiet minn persuna fiżika jew ġuridika speċifikament għall-proċeduri ta' dik l-awtorità tal-kompetizzjoni;

(b) informazzjoni li l-awtorità tal-kompetizzjoni tkun ħejjiet u bagħtet lill-partijiet waqt il-proċeduri tagħha; u

(ċ) sottomissjonijiet għal riżoluzzjoni li ġew irtirati.

(5) Il-kategoriji ta' evidenza li ġejjin ma jistgħux, f'kawża għad-danni, fi kwalunkwe ħin, ikunu s-suġġett ta' talba għad-divulgazzjoni:

(a) dikjarazzjonijiet ta' klemenza; u

(b) sottomissijonijiet ta' riżoluzzjoni.

(6) L-attur jista' jippreżenta talba ġustifikata biex il-qorti jkollha aċċess għall-evidenza msemmija fil-paragrafi (a) jew (b) tas-subregolament (5) għall-uniku għan li tassigura li l-kontenut tagħhom jikkorrispondi mat-tifsiriet ta' "dikjarazzjoni ta' klemenza" jew "sottomissjonijiet għal riżoluzzjoni", skont il-każ, fir-regolament 3. Fl-evalwazzjoni tagħha, il-qorti tista' titlob għajnuna biss mill-awtorità tal-kompetizzjoni kompetenti:

Iżda fil-każijiet li għalihom hemm referenza f'dan is-

VERŻJONI ELETTRONIKA

subregolament, l-awturi tal-evidenza inkwistjoni ukoll għandhom il-possibbiltà li jinstemgħu:

Iżda wkoll, fl-ebda każ il-qorti ma tista' tippermetti lil partijiet oħrajn jew lil terzi jkollhom aċċess għal dik l-evidenza.

(7) Jekk huma biss partijiet mill-evidenza mitluba li huma koperti mis-subregolament (5), il-partijiet li jifdal minnha għandhom, skont il-kategorija li jaqgħu taħtha, jiġu rilaxxati skont id-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dan ir-regolament.

(8) Id-divulgazzjoni ta' evidenza fil-fajl ta' awtorità tal-kompetizzjoni li ma taqax taħt l-ebda mill-kategoriji mniżżlin f'dan ir-regolament, tista' tiġi ordnata f'azzjonijiet għar-riżarċiment ta' danni fi kwalunkwe mument, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament.

(9) Il-qorti għandha titlob id-divulgazzjoni ta' evidenza minn awtorità tal-kompetizzjoni ta' evidenza inkluża fil-fajl tagħha biss meta l-ebda parti jew terzi ma jkunux f'pożizzjoni jew ma jkunux jistgħu b'mod raġonevoli jipprovdu dik l-evidenza.

(10) Sa fejn awtorità tal-kompetizzjoni hija lesta li tiddikjara l-fehmiet tagħha dwar il-proporzjonalità ta' talbiet għal divulgazzjoni, hija tista', fuq inizjattiva tagħha stess, tippreżenta osservazzjonijiet lill-qorti li quddiemha jintalab ordni ta' divulgazzjoni.

Limiti għall-użu ta' evidenza miksuba biss permezz tal-aċċess għall-fajl ta' awtorità tal-kompetizzjoni.

7. (1) Kwalunkwe evidenza fil-kategoriji elenkati fir-regolament 6(5), li tinkiseb minn persuna fiżika jew ġuridika unikament permezz tal-aċċess għall-fajl ta' awtorità tal-kompetizzjoni għandha titqies inammissibbli fl-azzjonijiet għad-danni skont dawn ir-regolamenti.

(2) Sakemm l-awtorità kompetenti tal-kompetizzjoni tagħlaq il-proċeduri tagħha billi tadotta deċizjoni jew b'mod ieħor, l-evidenza fil-kategoriji elenkati fir-regolament 6(4), li tinkiseb minn persuna fiżika jew ġuridika unikament permezz tal-aċċess għall-fajl ta' dik l-awtorità tal-kompetizzjoni għandha wkoll titqies inammissibbli fl-azzjonijiet għad-danni skont dawn ir-regolamenti.

(3) Kwalunkwe evidenza li hi miksuba minn persuna fiżika jew legali biss permezz ta' aċċess għall-fajl ta' awtorità tal-kompetizzjoni, u li ma taqax taħt is-subregolament (1) jew (2), tkun tista' tintuża f'azzjoni għad-danni biss minn dik il-persuna fiżika jew legali tkun is-suċċessur ta' dik il-persuna, inkluż persuna li tkun akkwistat il-pretensjoni ta' dik il-persuna.

Penalitajiet.

8. (1) Qorti li qed tisma kawża għar-riżarċiment tad-

VERŻJONI ELETTRONIKA

danni skont dawn ir-regolamenti għandha s-setgħa li timponi penalitajiet fuq kwalunkwe parti, terzi, jew ir-rappreżentanti legali tagħhom fi kwalunkwe każ minn dawn li ġejjin:

(a) in-nuqqas jew ir-rifjut tagħhom li jikkonformaw ma' ordni ta' divulgazzjoni tal-qorti;

(b) id-distruzzjoni tagħhom ta' evidenza rilevanti;

(ċ) in-nuqqas jew ir-rifjut tagħhom li jikkonformaw mal-obbligi imposti minn ordni tal-qorti biex tipproteġi informazzjoni kunfidenzjali;

(d) il-ksur tagħhom tal-limiti rigward l-użu ta' evidenza kif previst f'dawn ir-regolamenti:

Iżda għall-finijiet ta' dan is-subregolament, il-qorti tista' timponi kwalunkwe miżura prevista fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, jew f'xi leġislazzjoni speċjali oħra, li hija tqis xierqa fiċ-ċirkostanzi. Il-qorti għandha tassigura li kwalunkwe penali imposta hija effettiva, proporzjonata u dissważiva. Kap. 12.

(2) Il-penalitajiet imposti skont dan ir-regolament jistgħu wkoll, fid-diskrezzjoni tal-qorti, jinkludu dan li ġej fir-rigward tal-komportament ta' parti għal dawn il-proċeduri:

(a) il-possibbiltà li jaslu għal inferenzi negattivi, bħal preżunzjoni li l-kwistjoni rilevanti kienet ippruvata jew ma jilqgħux talbiet u difiżi kollha jew parzjalment; u

(b) il-possibbiltà li jkun ordnat il-ħlas tal-ispejjeż.

9. (1) Ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni misjub b'deċiżjoni finali tal-awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni, it-Tribunal dwar l-Appelli jew kull Qorti tal-Appell skont id-dispożizzjonijiet tal-Att u, jew tal-Kummissjoni Ewropea, jiġi meqjus li hu stabbilit b'mod inkontestabbli għall-finijiet ta' azzjoni għad-danni mressqa skont dawn ir-regolamenti. Effett tad-deċiżjonijiet.

(2) Fejn deċiżjoni finali tittieħed minn awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni ta' Stat Membru ieħor, dik id-deċiżjoni finali tista' tiġi ppreżentata quddiem qorti li qiegħda tisma' azzjoni għad-danni skont dawn ir-regolamenti bħala tal-inqas evidenza *prima facie* tal-fatt li seħħ ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni, u, kif xieraq, tista' tiġi valutata flimkien ma' kwalunkwe evidenza oħra ppreżentata mill-partijiet.

(3) Dan ir-regolament hu mingħajr preġudizzju għad-drittijiet u l-obbligi tal-qorti taħt l-Artikolu 267 tat-TFEU.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Preskrizzjoni. Kap. 16.

10. (1) Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili jew ta' kwalunkwe liġi oħra, azzjoni għad-danni skont dawn ir-regolamenti hija preskritta bl-għeluq ta' ħames snin.

(2) Il-perijodu ta' preskrizzjoni msemmi fis-subregolament (1) jibda' jiddekorri mid-data li fih ikun waqaf il-ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni u l-attur ikun jaf bih, jew jista' jkun raġonevolment mistenni li jkun jaf:

(a) l-imġiba u l-fatt li din tikkostitwixxi ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni;

(b) il-fatt li l-ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni kkawżalu d-danni; u

(ċ) l-identità tal-awtur tal-ksur tal-liġi.

(3) Il-perijodu ta' preskrizzjoni msemmi fis-subregolament (1) jiġi sospiż fejn awtorità tal-kompetizzjoni tieħu azzjoni għall-fini tal-investigazzjoni jew il-proċeduri tagħha fir-rigward ta' ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni relatata mal-azzjoni għar-riżarċiment tad-danni. Is-sospensjoni tintemm sena wara d-deċiżjoni dwar il-ksur tkun saret *res judicata* jew wara li l-proċeduri jintemmu.

(4) Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament jidħlu fis-seħħ f'dik id-data li tipprovdi l-Ministru permezz ta' Avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

Responsabbiltà *in solidum*.

11. (1) Intrapriżi li jibstabu li kisru l-liġi tal-kompetizzjoni permezz ta' mġiba konġunta jinżammu responsabbli b'mod *in solidum* għad-dannu kkawżat bil-ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni bl-effett li kull waħda minn dawk l-intrapriżi hi obbligata li tagħti kumpens sħiħ għad-dannu, u l-parti li tkun ġarrbet il-ħsara għandha d-dritt titlob kumpens sħiħ minn kwalunkwe waħda minnhom sakemm tkun ġiet ikkumpensata bis-sħiħ.

(2) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subregolament (1) iżda mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' kumpens sħiħ kif stipulat fir-regolament 4, fejn l-awtur tal-ksur tal-liġi jkun intrapriża żgħira jew ta' daqs medju (SME) kif imfisser fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE, l-awtur tal-ksur tal-liġi huwa responsabbli biss għax-xerrejja proprji diretti jew indiretti fejn:

(a) is-sehem tagħha tas-suq fis-suq rilevanti kien taħt il-5% f'xi żmien matul il-ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni; u

(b) l-applikazzjoni tar-regoli normali għar-responsabbiltà *in solidum* tkun b'mod irrimedjabbli

VERŻJONI ELETTRONIKA

tikkompromettì l-vijabbiltà ekonomika tagħha u twassal biex l-assi tagħha jitilfu l-valur kollu tagħhom.

(3) L-eċċezzjoni stabbilita fis-subregolament (2) mhijiex applikabbli fejn:

(a) l-SME tkun mexxiet il-ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni jew ġiegħlet lil intrapriżi oħrajn jipparteċipaw fil-ksur; jew

(b) l-SME nstabet preċedentement li kisret il-liġi tal-kompetizzjoni.

(4) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subregolamemnt (1), benefiċjarju tal-immunità jkun responsabbli *in solidum* kif ġej:

(a) lejn ix-xerrejja u l-fornituri diretti jew indiretti tiegħu; u

(b) lejn partijiet oħrajn li ġarrbu ħsara biss meta l-kumpens sħiħ ma jistax jinkiseb mill-intrapriżi oħrajn li kienu involuti fl-istess ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni.

(5) Il-perjodu ta' preskrizzjoni msemmi fir-regolament 10 jgħodd ukoll għal azzjonijiet taħt dan ir-regolament.

(6) Awtur tal-ksur tal-liġi skont dawn ir-regolamenti jista', permezz ta' azzjoni separata, jirkupra kontribuzzjoni minn kwalunkwe awtur tal-ksur tal-liġi ieħor, u l-ammont għandu jiġi determinat fid-dawl tar-responsabbiltà relattiva tagħhom għall-ħsara kkawżata mill-ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni. L-ammont tal-kontribuzzjoni ta' awtur tal-ksur tal-liġi li jkun ingħata immunità mill-penalitajiet taħt programm ta' klemenza ma għandux jaqbeż l-ammont tal-ħsara li l-ksur kien ikkawża lix-xerrejja jew lill-fornituri proprji diretti jew indiretti tiegħu.

(7) Sa fejn jinstab li l-ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni kkawża ħsara lill-partijiet li ġarrbu ħsara għajr ix-xerrejja jew il-fornituri diretti jew indiretti tal-awturi tal-ksur tal-liġi, l-ammont ta' kwalunkwe kontribuzzjoni minn benefiċjarju tal-immunità lil awturi oħra tal-ksur tal-liġi għandu jiġi determinat fid-dawl tar-responsabbiltà relattiva tiegħu għal dik il-ħsara.

Trasferiment ta' ħlas għoli żejjed u d-dritt għal kumpens sħiħ.

12. (1) Skont id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, il-kumpens għal ħsara jist' jintalab minn kwalunkwe persuna li tkun ġarrbet il-ħsara, irrispettivament jekk huwiex xerrej dirett jew indirett mill-awtur tal-ksur tal-liġi:

VERŻJONI ELETTRONIKA

Iżda, madankollu, il-kumpens għat-telf reali kkawżat mill-ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni lill-attur li jista' jiġi rkuprat skont dawn ir-regolamenti m'għandux jeċċedi l-ħlas għoli żejjed ta' danni sofferti fuq il-livell tal-katina ta' provvisti li fiha jopera l-attur.

(2) Dawn ir-regolamenti huma mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-parti li tkun ġarrbet il-ħsara li titlob u tikseb kumpens għat-telf ta' profitti minħabba fit-trasferiment sħiħ jew parzjali ta' ħlas għoli żejjed.

(3) Fl-istima tal-ammont ta' danni sofferti mill-attur jew issehem ta' kwalunkwe ħlas għoli żejjed li ġie mgħoddi fuq l-attur, il-qorti tista', mingħajr preġudizzju għad-drittijiet tal-partijiet li jipproduċu xhieda esperti *ex parte*, tappunta espert wieħed jew aktar biex jgħinuha skont id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, jew kif jista' jkun previst f'xi leġislazzjoni speċjali oħra. Il-qorti għandha tqis kwalunkwe linji gwida maħruġa mill-Kummissjoni Ewropea f'dan ir-rigward.

Kap. 12.

(4) Dawn ir-regolamenti japplikaw *mutatis mutandis* fejn il-ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni jirrelata ma' provvista lill-awtur tal-ksur tal-liġi.

Trasferiment tad-difiża.

13. (1) Il-konvenut f'azzjoni għad-danni skont dawn ir-tregolamenti jista' jinvoka, bħala difiża kontra pretensjoni għad-danni, il-fatt li l-attur ittrasferixxa l-ħlas għoli żejjed kollu jew parti minnu li rriżulta mill-ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni.

(2) Il-piż li tingħata prova li l-ħlas għoli żejjed ġie trasferit għandu jkun tal-konvenut li b'mod raġonevoli jista' jkun jeħtieġ divulgazzjoni mill-attur jew minn terzi.

Xerrejja indiretti.

14. (1) Meta f'azzjoni għad-danni l-eżistenza ta' talba għad-danni jew l-ammont tal-kumpens li għandu jingħata jiddependu fuq jekk - jew sa liema punt - ħlas għoli żejjed ġie ttrasferit lill-attur, meta tiġi kkunsidrata l-prattika kummerċjali li ż-żieda fil-prezzijiet tiġi ttrasferita 'l isfel fil-katina tal-provvista, il-piż tal-prova tal-eżistenza u tal-ambitu ta' tali trasferiment jaqa' fuq il-attur li b'mod raġonevoli jista' jkun jeħtieġ divulgazzjoni mill-konvenut jew minn terzi.

(2) Fis-sitwazzjoni msemmija fis-subregolament (1), ix-xerrej indirett għandu jitqies li jkun ta prova li sar trasferiment fuqu meta dak ix-xerrej indirett jkun wera li:

(a) il-konvenut wettaq ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni;

(b) il-ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni rriżulta fi ħlas

VERŻJONI ELETTRONIKA

għoli żejjed għax-xerrej dirett tal-konvenut; u

(ċ) huwa jkun xtara l-oġġetti jew is-servizzi li kienu l-oġġett tal-ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni, jew xtara oġġetti jew servizzi mnisslin minnhom jew inkorporati fihom.

(3) Id-dispożizzjonijiet tas-subregolament (2) jgħoddux meta l-konvenut jista' b'mod kredibbli juri għas-sodisfazzjon tal-qorti li l-ħlas għoli żejjed ma kienx ġie trasferit, jew mhux kollu, lix-xerrej indirett.

Azzjonijiet għad-danni mill-atturi f'livelli differenti tal-katina tal-provvista.

15. (1) Biex jiġi evitat li azzjonijiet għad-danni minn atturi f'livelli differenti tal-katina tal-provvista jwasslu għal responsabbiltà multipla jew nuqqas ta' responsabbiltà tal-awtur tal-ksur tal-liġi, fl-evalwazzjoni tal-piż tal-prova li jirriżulta mill-applikazzjoni tar-regolamenti 13 u 14 hijiex sodisfatta, il-qorti tista' tqis kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:

(a) azzjonijiet għad-danni li huma relatati mal-istess ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni, iżda li jitressqu mill-atturi minn livelli oħra fil-katina tal-provvista;

(b) sentenzi li jirriżultaw minn azzjonijiet għal danni kif imsemmija fil-paragrafu (a);

(ċ) informazzjoni rilevanti fid-dominju pubbliku li tirriżulta mill-infurzar pubbliku tal-liġi tal-kompetizzjoni.

(2) Dan ir-regolament huwa mingħajr preġudizzju għad-drittijiet u l-obbligi tal-qorti skont l-Artikolu 30 tar-Regolament (UE) Nru 1215/2012.

Kwantifikazzjoni tad-danni.

16. (1) Il-piż tal-prova ta' talbiet rigward l-ammont ta' dannu mġarrab għandu jkun fuq l-attur:

Iżda fejn jiġi stabbilit li l-attur sofra dannu, iżda jkun impossibbli jew diffiċli ħafna biex id-dannu soffrut jiġi kkwantifikat b'mod preċiż abbażi tal-evidenza disponibbli, il-qorti tista' tistima l-ammont ta' danni inkluż, b'mod partikolari, fuq bażi ta' *arbitrio boni viri*.

(2) Fi kwalunkwe każ għandu jiġi preżunt li ksur minn kartelli jikkawża d-danni:

Iżda dak l-awtur tal-ksur tal-liġi jkollu d-dritt li jressaq evidenza biex jirribatti dik il-preżunzjoni.

(3) Awtorità tal-kompetizzjoni tista' fuq talba tal-qorti li qed

VERŻJONI ELETTRONIKA

tisma' azzjoni għad-danni skont dawn ir-regolamenti, tassisti lil dik il-qorti fir-rigward tad-determinazzjoni tal-*quantum* tad-danni fejn dik l-awtorità tal-kompetizzjoni tqis li tali assistenza hija xierqa.

(4) Biex tistabbilixxi l-ammont ta' danni l-qorti għandha tqis ix-xenarju fattwali li kien jipprevali li kieku ma seħħx il-ksur.

Effett sospensiv u effetti oħra tar-riżoluzzjoni konsenswali tat-tilwim.

17. (1) Il-perijodu ta' preskrizzjoni imsemmi fir-regolament 10 jiġi sospiż għat-tul ta' żmien ta' kwalunkwe proċess ta' riżoluzzjoni konsenswali tat-tilwim. Is-sospensjoni tal-perijodu ta' preskrizzjoni japplika biss fir-rigward ta' dawk il-partijiet li huma jew li kienu involuti jew rappreżentati fir-riżoluzzjoni konsenswali tat-tilwim.

Kap. 387.

(2) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Arbitraġġ, il-qorti li tkun qiegħda tisma azzjoni għad-danni skont dawn ir-regolamenti tista', kif tqis xieraq fiċ-ċirkostanzi, tissospendi l-proċeduri quddiemha għal perijodu ta' mhux iżjed minn sentejn fejn il-partijiet huma involuti f'riżoluzzjoni konsenswali tat-tilwim rigward il-pretensjoni koperta minn dik l-azzjoni għad-danni.

(3) L-awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni tista' tikkunsidra li l-kumpens li jitħallas b'riżultat ta' riżoluzzjoni kunsenswali, u qabel id-deċiżjoni tagħha li timponi penali, jkun fattur mitiganti.

Effett ta' riżoluzzjoni kunsenswali fuq azzjonijiet sussegwenti għad-danni.

18. (1) Wara riżoluzzjoni kunsenswali, mill-pretensjoni tal-parti f'riżoluzzjoni li ġarrbet id-dannu, jitnaqqas is-sehem tad-dannu tal-ko-awturi tal-ksur tal-liġi li jkun ikkaġuna l-ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni fuq il-parti li ġarrbet id-dannu.

(2) Kwalunkwe pretensjoni li jifdal mill-parti f'riżoluzzjoni li ġarrbet id-dannu għandha tiġi eżerċitata biss kontra ko-awturi tal-ksur tal-liġi li mhumiex partijiet fir-riżoluzzjoni, li mhumiex permessi jirkupraw kontribuzzjoni għall-bqija tat-talba mill-ko-awturi tal-ksur tal-liġi l-oħra fir-riżoluzzjoni:

Iżda fejn il-ko-awturi tal-ksur tal-liġi li mhumiex parti fir-riżoluzzjoni ma jistgħux iħallsu d-danni li jikkorrispondu għall-bqija tal-pretensjoni tal-parti f'riżoluzzjoni li ġarrbet id-dannu, il-parti f'riżoluzzjoni li ġarrbet id-dannu tista' teżerċita l-bqija tal-pretensjoni kontra l-ko-awturi tal-ksur tal-liġi li huma parti fir-riżoluzzjoni, sakemm tali għażla ma tkunx ġiet espressament eskluża taħt il-pattijiet tar-riżoluzzjoni kunsenswali.

(3) Meta jkun qed jiġi ddeterminat l-ammont tal-kontribuzzjoni li ko-awtur tal-ksur tal-liġi jista' jirkupra minn kwalunkwe awturi tal-ksur tal-liġi ieħor skont ir-responsabbiltà relattiva tagħhom għad-dannu kkawżat mill-ksur tal-liġi tal-

VERŻJONI ELETTRONIKA

kompetizzjoni, il-qorti għandha tqis id-danni mħallsin skont riżoluzzjoni kunsenswali li tkun saret qabel, li tinvolvi l-ko-awtur tal-ksur tal-liġi rilevanti.

19. F'dawn ir-regolamenti, fil-każ ta' nuqqas ta' qbil bejn it-test Ingliż u t-test Malti, jipprevali t-test Ingliż. Nuqqas ta' qbil bejn it-testi.